MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 593/2008

**Euro Save Ltd (C6928)**

**Vs**

**Charmaine Marsh**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, erba' mija u tlettax-il Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,413.28), sitt mija u sitt liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm606.72c),
1. Peress illi l-konvenuta kienet impjegata mas-socjeta' attrici;
2. Peress illi l-konvenuta hadet 407 siegha ta' *maternity leave* li beda' fis-27 ta' Dicembru, 2006 meta hi ma kienitx verament tqila.
3. Peress illi l-konvenuta kienet interpellata biex fi zmien erbat ijiem tipprezenta certifikat tat-twelid tat-tarbija taghha, u fin-nuqqas thallas lura lis-socjeta' attrici l-

ammont ta' paga ammontanti ghal €1,413.28 lilha mhallsa mis-socjeta' attrici *in linea* ta' *maternity leave*, izda din baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex dan ir-Rispettabbli Tribunal m'ghandhux jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, erba' mija u tlettax-il Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,413.28), kif ukoll l-imghaxijiet skond il-ligi mil-1 ta' Frar, 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' elf, erba' mija u tlettax-il Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,413.28), sitt mija u sitt liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm606.72), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------